# Kitba ta' Sir Temi Zammit

## MNEJN TIĠI X-XITA

—U l-baħar ma jonqos qatt ?

—Il-baħar jonqos, għax bis-sħana jtir, iżda x-xita targa' tagħtih li jonqsu.

—U x-xita mnejn tiġi ?

—Mill-baħar.

—Dan kif, mill-baħar ? Il-baħar, kieku biss, mielaħ tosku; u l-ilma tax-xita, bla togħma xejn.

—Huwa m'hux hekk, bħal ftira ! Ħalli nfiehmek kif inhi din. Jekk tħalli lenbija bl-ilma f'kamra għal ftit ġranet, x'jiġri ?

—Il-lenbija tixxotta, l-iżjed fis-sajf.

—U l-ilma fejn mar—Ma xorbux il-lenbi, għax il-fuħħar ma jixrobx, u fil-kamra ma daħal ħadd. L-ilma bil-ftit il-ftit tar, mar fl-ajru u ma deherx aktar.

—Iva, l-ilma jintemm.

—Tgħidx jintemm, għax fid-dinja xejn ma jintemm, bħalma xejn ma jinħoloq mill-ġdid. L-ilma li jtir fl-ajru ngħidulu fwar u l-fwar ma narawhx. Mhux għax ħaġa ma narawhiex, għalhekk, spiċċat. Il-fwar sar bis-sħana u jekk tonqsu s-sħana jarġa' jsir ilma.

Fis-sajf, mita titfa' biċċa silġ f'tazza, tara dlonk it-tazza, minn barra, titnidda u tittappan. Jekk tmissha b'idek issib li ma subgħajk tiġi qatra ilma. Dan x'jiġifieri ? Jiġifieri, fl-ajru, madwar it-tazza, kien hemm ilma li aħna ma konniex naraw; u dan l-ilma, jew fwar, mita mess mat-tazza, tilef is-sħana li kellu u sar nida. Fix-xitwa, malli tqum, issib aktarx, iż-żġieġ tat-tieqa niedi minn ġewwa. Dan l-għala? Li ż-żġieġ kien jixrob, bħall-karti, konna ngħidu li l-ilma daħal minn barra; imma iż-żġieġ samm. Il-kamra tar-rqad, mal-lejl,

tintela bil-fwar li jiġi min-nifs tagħna, u dan fl-ajru xejn ma jkun jidher, għax is-sħana żżommu ħafif. Dal-fwar imiss maż-żġieġ li jkun kiesaħ bir-reżħa ta' barra u hekk jitlef is-sħana li jkollu u jarġa' għalli kien, nida jew ilma.

Inti ħu n-nifs tiegħek. Fis-sajf, billi l-ajru sħun, mita tieħu n-nifs xejn ma tara; iżda fix-xitwa, mita tkun ir-reżħa, malli titfa' n-nifs il barra tilmaħ bħal sħaba ħjerġa minn ħalqek u minn imnifsejk. L-arja li toħroġ minn sidrek tkun dejjem mimlija fwar, u dan, malli mis-sħana tas-sider isib ruħu fil-kesħa, isir nida u narawh. Fil-pajjiżi tal-bard il-fwar tan-nifs, malli joħroġ mill-imnifsejn, jiksaħ li jagħqad bħal borra fuq ix-xagħar tal-leħja ta' dak li jkun.

Tridx xhieda oħra? Mita d-dar issib kitla tagħli fuq in-nar, il-fwar li jkun ħiereġ miż-żennuna jew ma jidher xejn jew jidher kemm kemm. Ressaq tazza b'fommha lejn iż-żennuna u tara, kif f'kemm ili ngħidlek, it-tazza titnidda minn ġewwa u qtar ta' l-ilma jinġabru u jiċċarċru maż-żġieġ. Hix ċara dit-tiġriba? L-ilma tal-kitla, bis-sħana tan-nar, isir fwar, jeħfief, u jaqbad ħiereġ miż-żennuna. Mita jsib iż-iż-żġieġ kiesaħ, jitlef mis-sħana tiegħu u ma jibqax fwar, iżda jarġa' jsir ilma. Din, nistħajjel, issa fhimtuha sewwa.

Nerġgħu għalli konna. Ix-xemx, bis-sħana tagħha, it-talla' ħafna fwar minn wiċċ il-baħar u dal-fwar jitla' 'l fuq għax eħfef mill-arja. L-ilma biss isir fwar, u l-melħ jibqa' fil-baħar għal xogħlu, għax bis-sħana tax-xemx ma jtirx. Dal-fwar, kif għedna, ma jidhirx, u, billi ħafif, jibqa' tiela' sa kemm isib daqsxejn tar-reżħa. Hemm iżomm u jaqgħad bħal nida, u aħna nsejħulu SĦAB. Tara kif ġejja ftit ftit? Is-sħab huwa fwar li beda jiksaħ u għaldaqshekk ftit baqagħlu biex isir ilma. Mela, mita tara sħaba għandek tgħid: jekk dis-sħaba tiltaqa' ma' żiffa sħuna, tisħon, tarġa' ssir fwar u tgħib minn għajnejna u jekk issib żiffa kiesħa, tibred u ssir qtar ta' l-ilma. Issa inti taf li l-ilma ma jżommx fl-ajru, iżda jaqa' għalhekk mita s-sħaba tibred u ssir ilma mill-ġdid, dan l-ilma jaqa' u jagħmel dak li ngħidulu XITA. Mela rajtx hux bħal ma ngħidlek li x-xita mażuna fil-baħar?

(Mit-*Tagħlim fuq id-Dinja*)